

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

16.6.2008

0054/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Ilda Figueiredo u Pedro Guerreiro  
dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-fjuwil

Data ta' skadenza: 23.10.2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-fjuwil**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. Billi qed naffaċċjaw żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil b'mod li qatt ma rajna qabel, u billi din iż-żieda skandaluża tħalli effett devastanti fuq l-attività ekonomika tas-setturi differenti: it-trasport u servizzi oħra, l-industrija, l-agrikultura u s-sajd;
- B. Billi l-kumpaniji ewlenin taż-żejt urew fil-Portugall, fl-ewwel kwart ta' din is-sena fir-rigward ta' l-istess perjodu tas-sena 2007, profitti nett ta' 22.9% għall-GALP, u profitti konsolidati ta' 36.5% għar-REPSOL u ta' 63.4% għall-BP, li fundamentalment huma r-riżultat tal-prattika tas-spekulazzjoni tal-prezzijiet, li tirriżulta mill-valorizzazzjoni spekulattiva ta' l-istokks taż-żejt mixtrija bi prezzijiet iżjed baxxi;
- 1. Jitlob għall-ħolqien ta' taxxa, għal kull Stat Membru, li taffettwa esklussivament dawn il-profitti b'tali mod li jmorru lura fil-kaxxa ta' l-Istati Membri. Din it-taxxa trid titħallas fi żmien 60 ġurnata wara t-tmiem ta' kull kwart tas-sena, bil-valur u l-iskop tat-taxxa li jiddependu fuq il-volontà tal-kumpaniji taż-żejt li jnaqqsu l-profitti spekulattivi tagħhom mill-effett ta' l-istokk;
- 2. Id-dħul iġġenerat minn din it-taxxa irid jiġi rritornat b'mod proporzjonat fis-setturi ekonomiċi differenti ta' kull Stat Membru;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.